**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Alfred Scicluna**

**Kumpilazzjoni numru 1006 / 2011**

**Illum 7 ta' Ottubru, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Alfred Scicluna** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 446170 (M) billi huwa akkuzat talli nhar il-15 ta' Gunju 2011 gewwa l-lokalita' tal-Hamrun ghall-habta tal-11.24 ta' filghodu:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' David Borg u/jew ta' persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li huwa ta' aktar minn mitejn tnejn u tlettin euro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37);

2. U aktar talli meta sab hwejjeg li kienu naqsu lil xi persuna jew li din kienet tilfet, ma gharrafx bihom, fi zmien tlitt ijiem lill-Pulizija Esekuttiva;

3. U aktar talli talli kiser il-provediment ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta b'sentenza moghotija lilu fid-19 ta' Frar 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.;

4. U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mag. Dr. S. Demicoli LL.D) b'sentenza moghtija nhar it-23 ta' Settembru 2010 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula;

5. U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza ohra mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mag. Dr. S. Demicoli LL.D) b'sentenza moghtija nhar it-23 ta' Settembru 2010 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula;

6. U aktar talli talli kiser il-provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghotija lilu fit-13 ta' Ottubru 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

7. U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mag. Dr. L. Quintano LL.D) b'sentenza moghtija nhar il-11 ta' Frar 2009 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat il-provi inkluz ix-xhieda tal-imputat Alfred Scicluna.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sottomissjonijiet finali bil-kitba maghmula mill-prosekuzzjoni.

**<u>Fatti tal-kaz:</u>**

Il-kaz jirrigwarda rapport illi kien ghamel David Borg gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun nhar il-15 ta' Gunju, 2011 ghall-habta tal-11.30 ta' filghodu fejn stqarr illi huwa kien ghadu kif mar jigbed somma flus ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) minn gewwa l-ATM 'machine' tal-fergha tal-Bank HSBC li tinsab gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, u li waqt li kien qed jaghmel l-imsemmija transazzjoni bankarja huwa rcieva telefonata u bi zvista kien telaq minn fuq il-post u halla l-flus li kienet taghtu l-magna warajh.

Meta ftit tal-minuti wara intebah b'dak li kien ghamel, huwa rritorna fuq il-post pero' l-flus ma sabhomx. Huwa kien spjega lill-pulizija illi huwa kien dahal fil-bank u hemm kien kellem lill-*Branch Manager* tal-fergha tal-HSBC tal-Hamrun fejn din kienet gharfitu illi ftit tal-hin qabel kienu dahlu zewg persuni li qalulha li kien hemm persuna li kien ha xi flus li thallew fl-'ATM machine' minn persuna ohra, u dan kien telaq bihom.

Il-pulizija kienet tkellmet maz-zewg persuni illi kienu rrapurtaw dak li raw, fejn stqarrew illi huma kienu se jigbdu xi flus mill-ATM 'machine' li hemm biswit il-Bank HSBC sitwat gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun faccatta tal-ghassa tal-pulizja tal-Hamrun. Huma spjegaw li qabilhom kien hemm persuna li kien qed jigbed xi flus u li dan l-istess persuna bi zvista kien nesa jigbor il-flus mill-imsemmija 'ATM machine'. Huma stqarrew li f'daqqa wahda resaq

b'heffa persuna ohra, hataf il-flus u qallhom li kien lest li jaghtihom xi haga basta ma jitkellmu xejn. Huma ziedu jghidu illi huma m'accettawx dawn il-flus u dan l-istess persuna telaq bl-ghaggla minn fuq il-post bil-flus b'kollox.

Il-pulizija bdiet bl-investigazzjonijiet dwar dan ir-rapport u kienet ghamlet talba formali sabiex jigu mghoddija lilha l-filmati migbuda mis-sistema ta' 'CCTV' li hemm installati kemm mal-fergha tal-bank HSBC tal-Hamrun u kif ukoll gewwa l-ATM 'machine' in kwistjoni.

Il-pulzijija gew fornuti bil-filmati mitluba fejn minn dawn deher car illi l-persuna li kienet serqet il-flus li halla warajh David Borg fl-ATM 'machine' li tinsab biswit tal-fergha tal-Bank HSBC tal-Hamrun kien Alfred Scicluna, persuna maghrufa mal-pulizija.

L-imputat Alfred Scicluna kien gie ntercettat fl-inhawi tad-Detox Centre gewwa l-Pieta' nhar l-1 ta' Lulju, 2011 ghall-habta tas-6.30 ta' filghodu, u wara li kien gie nfurmat bid-drittijiet tieghu skont il-ligi, huwa kien ammetta minghajr tlaqlieq li kien huwa stess li kien ha l-flus li thallew fl-'ATM machine' fejn stqarr mal-pulizija illi huwa kien lest li jirritorna l-flus kollha li kien seraq lill-vittma u meta fl-istess stqarrija huwa kien mistoqsi ghalfejn ma rritornax il-flus ghall-anqas lill-haddiema tal-Bank HSBC, huwa stqarr li ma kienx ghamel hekk u zamm il-flus ghalih u nefaqhom.

**<u>Dewmien tal-proceduri</u>**

Illi dan il-kaz ilu pendenti mis-sena 2011 u dan id-dewmien sehh minhabba l-fatt illi l-imputat ripetutament ghal diversi drabi naqas li jattendi ghas-seduti tal-Qorti ghalkemm huwa dejjem kien notifikat u anke minhabba li l-imputat ghal xi zmien ma kellux indirizz fiss. Il-Qorti kif diversament preseduta kellha anke taghmel kundizzjonijiet lill-imputat ai termini tal-artikolu 412A tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta hekk kif indikat fid-dokument *a fol.* 116 tal-process.

**<u>Livell ta' prova</u>**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu din ghandha tigi pruvata oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence, 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of*

*guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.

## Apprezzament tal-provi fl-assjem

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**<u>Xhieda</u>**

F'din il-kawza xehdu erbatax (14)–il xhud:

Spettur Robert Vella *a fol.* 11; David Borg *a fol.* 51; PS1147 Antoine Fenech *a fol.* 64; Spettur Sarah Magri *a fol.* 66; PS201 Sandro Magro *a fol.* 69; Elizabeth Vella *a fol.* 73; Spettur Robert Vella *a fol.* 77; Katrina Buhagiar *a fol.* 84; Spettur Robert Vella *a fol.* 86; PS201 Sandro Magro *a fol.* 114; Andrew Zahra (xhieda mhux traskritta); Alfred Scicluna *a fol.* 130; Audrey Ghigo *a fol.* 136 u Probation Officer Saviour Lia *a fol.* 164.

**Din il-Qorti mhijiex f'pozizzjoni vantaggjuza bhall-Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ma ghexitx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, u ghalhekk mhix f'pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.**

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'imputazzjoni bir-reat ta' serq u imputazzjonijiet ohra dwar ksur ta' sentenzi sospizi u dawk marbuta mal-Artikolu 7 u 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Definizzjoni ta' serq</u>**

Illi l-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

"L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:

*"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro".*
(ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali).

Izda din id-definizzjoni hi wkoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

*"Obiettivamente, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

**Serq ikkwalifikat bil-valur**

Dwar l-aggravju tal-valur il-Qorti taghmel referenza ghal dak li tiddisponi l-ligi u cioe' l-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

*"Is-serq huwa kkwalifikat bil-"valur", meta l-haga misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94)".*

Illi, tenut kont ta' dak li ghadu kemm inghad hawn fuq maghdud mal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta li l-aggravju tal-valur fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat jekk tinstab htija tirrizulta ghaliex il-flus misruqa huwa aktar minn "*mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin ċenteżmu (232.94)*".

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar in-nuqqas ta' intenzjoni</u>**

Il-punt ewlieni li din il-Qorti trid tiddeciedi dwaru huwa dwar jekk kienx hemm in-nuqqas ta' intenzjoni li l-imputat kellu li jisraq.

Skond in-Noti tal-Professur Sir Anthony Mamo, 'il-*contractatio* għandu jkun frawdolenti'. Dan ifisser:

> **'The abstraction or taking must be with the consciousness of abstracting or taking the property of others. Any honest mistake will negative this ingredient as where the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own. It would appear that any such mistake excludes theft even if it is incurred through negligence. As Carrara says: 'Non puo' concepirsi la figura giuridica di un furto colposo. (loc.cit 2023).'[1]**

L-Antolisei jimxi fuq l-istess linji:

> 'Secondo le regole generali il dolo non sussiste se l'agente erroneamente credeva che la cosa fosse propria o che il possessore avesse assentito all'asportazione.'[2]

[1] Mamo Anthony Professor Notes on Criminal Law Part II paġina 279.
[2] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale (1989) Parte Speciale 1 page 254

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali '**Il-Pulizija (Spettur Pio Pisani) versus Dennis Sghendo u Brian Vella**'[3] fis-6 ta' Jannar, 2000 mogħtija mill-Imħallef Vincent Degaetano fil-Qorti fejn hemm referenza għall-kaz '**Il-Pulizija versus Lorenzo Depares et**' fejn l-Imhallef Augustus Bartolo uza dawn il-kliem:

> **'L-imputati ma kellhom l-ebda ħsieb li kienu qed jagħmlu xi ħaġa ħażina jew kontra l-Liġi, u anqas u anqas li kienu qed jisirqu ħwejjeġ ħadd ieħor; u għalhekk f'dan il-każ tonqos mhux biss il-fehma li tisraq (l-*animus furandi*) li huwa meħtieġ biex wieħed ikun ħati ta' serq, iżda l-istess fehma ta' ħażen (*dolo generico*) li mingħajru ma jistax ikun hemm l-ebda delitt skond il-Liġi.'**

Fl-istess sentenza l-Imhallef Degaetano jelabora dwar l-eccezzjoni li kienu qajmu l-imputati Dennis Sghendo u Brian Vella li fis-sens li huma genwinament hasbu li dawk l-oggetti li hadu kienu abbandunati u li ghalhekk setghu johduhom.

> "Fi kliem iehor, huma jikkontendu li f'dan il-kaz kien nieqes l-element formali rikjest sabiex ikun hemm ir-reat tas-serq u dan minhabba dak li hu essenzjalment zball ta' fatt (*mistake of fact*). Dan il-punt gie tratatt f'diversi sentenzi tal-Qrati taghna, inkluzi anke sentenzi recenti ta' din il-Qorti (ara, fost ohrajn, ***Il-Pulizija v. Lorenzo Depares et.***, Qorti Kriminali, 16/1/35, Kollezz. Deciz. Vol. XXIX.iv.417; ***Il-Pulizija v. Alfred Camilleri***, App. Krim. 20/9/96; ***Il-Pulizija v. Carmel Debono***, App. Krim. 1/11/96). Issa, huwa principju pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna li min jiehu pussess ta' oggett li jsib f'xi lok taht cirkostanzi li juru li dak l-oggett jappartjeni lil xi hadd u ma giex abbadunat minn sidu

[3] Appell Kriminali Inferjuri Nru. 67/99 Il-kaz kien jittratta t-tehid ta' saqqijiet u armarji li hasbu li kienu abbandunati minn sidhom ghaliex il-post *camping site* ex zmien is-Servizzi Inglizi f'Ghajn Tuffieha kien zdingat u ma kienx qieghed jintuza.

jikkommetti serq (***Il-Maesta` Tieghu ir-Re v. Guzeppi Scicluna et.***, Qorti Kriminali, 11/3/43; ara wkoll Harding, W., *Recent Criminal Cases Annotated* (Malta), 1943, para. 17). Mill-banda l-ohra, jekk persuna genwinament temmen li l-oggett li qed tiehu pussess tieghu kien gie abbandunat minn sidu jew li hu *res nullius*, allura jigi nieqes l-element formali tar-reat tas-serq. Fi kliem Sir Anthony Mamo: "Any honest mistake will negative this ingredient [that the "contrectatio" must be fraudulent[4]], as where the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own" (*Criminal Law Notes* – II Year – p. 301). Naturalment, biex qorti tasal ghall-konkluzzjoni li tali zball kien wiehed genwin trid tkun ukoll sodisfatta li dak l-izball kien wiehed <u>ragjonevoli</u> fl-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."

Fil-kaz odjern, a tempo vergine, l-flus fl-*ATM* (*automated banking machine*) kienu thallew minn haddiem iehor u l-imputat hadhom ghalih.

Il-Qorti qabblet it-teorija dwar is-serq esposta aktar 'il fuq u wiżnet dak li nghad li gara u x-xhieda li nstemghu f'dan il-kaz. F'dan il-kaz il-flus ma kienux abbandunati jew mitlufa. Jekk l-imputat hass li min hallha l-flus hemm zbalja kellu l-flus jghaddihom lill-bank li taghhom hija l-*ATM* (*automated banking machine*) jew kif obligat bil-ligi li jghaddihom lill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jghid l-**Archbold Magistrates Court Criminal Practice 2017**[5] meta jitkellem dwar *mistake of law*:

> **<u>An honest and reasonable belief that an action is not criminal is no defence, though it may afford considerable mitigation</u>:** *Johnson v. Youden* [1950] K.B. 544 at 546. (Enfasi tal-Qorti).

[4] Il-kelma "fraudulent" hawn qed tintuza fis-sens ta' "dolozament" fil-kuntest tad-definizzjoni tas-serq tal-Carrara.

[5] Ippubblikat minn Sweet and Maxwell f'Awwissu 2016, pg. 754, para 12-95

> A mistake as to the civil law may have the effect of negativing *mens rea*. For example section 2(1)(a) of the Theft Act 1968 provides that a person's conduct will not be regarded as dishonest if he appropriates the property in the belief that he has in the law the right to deprive the other of it, on behalf of himself or of a third person.

**Il-Qorti hi tal-fehma li meta l-flus ittiehdu minn posthom mill-imputat, dak il-hin kien twettaq is-serq. L-imputat ma kellu l-ebda raguni ghalfejn jiehu l-flus mill-*ATM* (*automated banking machine*) u ghalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dwar serq li huwa kkwalifikat bil-valur**.

**<u>Ricediva</u>**

L-imputat qieghed ikun akkuzat ukoll li sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi.

Skont gurisprudenza kostanti, il-prova tar-recidiva – sakemm ma jkunx hemm ammissjoni – hija;

> *"billi tigi esibita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva u wara ssir il-prova tal-identita'. L-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesibixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem minkejja l- ezenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova tal- identita'. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-akkuzat kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati.*
>
> *Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-*

*piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti."* [6]

Ma' din is-silta mis-sentenza li ghaliha saret riferenza l-Qorti qed izzid *"li l-prova tar-recidiva, barra mill-ammissjoni tal-imputat innifsu tista' ssir ukoll billi tkun prodotta kopja tas-sentenza li jkun hemm indikat fiha n-numru tal-identita'. Dan in-numru jkun jista' jitqabbel ma' dak li jkollu l-imputat jew l-akkuzat. Ma jistax ikun hawn zewg persuni li jkollhom l-istess numru tal-identita'"*.[7]

Il-prosekuzzjoni esebiet zewg sentenzi moghtija fis-16 ta' Frar 2006 **Il-Pulizija vs Alfred Scicluna**[8] (Dok RV5 *a fol.* 19) fejn gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal sentejn u fit-23 ta' April 2009 **Il-Pulizija vs Alfred Scicluna**[9] (Dok RV7 *a fol.* 24) fejn gie kkundannat terminu ta' prigunerija ghall-perijodu ta' tliet xhur sospizi ghal sentejn.

## KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PIENA

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif*

[6] **Pulizija versus Carmelo Fenech** – Qorti tal-Appell Kriminali 8 ta' Frar 2005 Volum' LXXXIX Part IV paġna 287 et.
[7] Appell Kriminali Il-**Pulizija Vs Joseph Darmanin** deċiż mill-Imħallef Lawrence Quintano fid-9 ta' Lulju, 2012
[8] Setenza kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Joe Galea Debono.
[9] Deciza mill-Magistrat Saviour Demicoli fis-Seduta tat-Traffiku.

*ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[10]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[11] dik il-Qorti qalet hekk:

*Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali*

[10] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.
[11] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputat.

**<u>Ghin ruhek biex Alla jghinek</u>**

Fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi tal-kaz, ladarba l-imputat stess ma kienx ha l-opportunita mogħtija lilu f'ghadd ta' okkazzjonijiet (11 ta' Frar 2009, 19 ta' Frar 2009, 23 ta' Settembru 2010, 13 ta' Ottubru 2010) l-imputat irid jifhem li jrid jgħin ruħu biex Alla jgħinu.

Il-Qorti tfakkar li fit-13 ta' Ottubru, 2010 f'kaz kontra l-imputat li kien qieghed jinstema' quddiem il-kollega l-Magistrat Saviour Demicoli l-Prosekuzzjoni u d-difiza iddikjaraw li huma konsapevoli li l-imputat ghandu problema ta' abbuz ta' alkohol u l-vizzju tal-loghob tal-azzard u fid-decizjoni taghha l-Qorti dakinhar tat l-

opportunita' *"li l-imputat ikun assistit biex jeghleb il-problema ta' l-abbuz mill-alcohol u l-vizzju tal-loghob tal-azzard"*[12].

L-imputat lanqas ta widen lil din il-Qorti meta taghtu l-opportunita' li jhallas lura l-flus mehudha minnu biex ikun hemm mitigazzjoni fis-sentenza. Il-Qorti minghajr ma kienet obbligata fit-8 ta' April 2016 ordnat *Social Inquiry Report* biex tkun aktar f'pozizzjoni tifhem is-sitwazzjoni li fiha jinsab l-imputat u dan wara li ma kinetx ipprezentata nota ta' sottomissjonijiet mid-difiza.

Issa l-imputat ma jistax jippretendi li l-Qorti tagħlaq għajnejha għal dawn il-fatti. L-imputat naqas li jirritorna l-flus lura li ha. Jekk irid l-għajnuna irid ikun hu l-ewwel li jxammar il-kmiem. L-għajnuna ta' ħaddieħor mingħajr impenn serju tieghu ma huwa ser iwasslu mkien.

Il-Qorti trid izzomm quddiem għajnejha mhux biss id-drittijiet tal-imputat. Il-Qorti tifhem li mhux kulħadd għandu x-xorti tajba li jkollu ħajja tajba u l-bogħod mill-kriminalita'. Tifhem ukoll id-diffikultajiet li persuni bħall-imputat ikollhom. Il-bniedem għandu s-setgħa tar-rieda u tar-raguni. U ragel ta' sitta u erbghin sena suppost li għandu raguni bizzejjed biex jiddeciedi jekk iwettaqx att kif wettaq jew joqgħdox lura milli jwettqu.

Il-Qorti ma tistax tibqa' b'għajnejha magħluqa u cassa quddiem min l-opportunitajiet li jinghata jinjorhom.

Il-Qorti għalhekk sejra taghti piena ta' prigunerija effettiva lill-imputat.

[12] Numru 831/2005 – Il-**Pulizija (Sp. Mario Tonna vs Alfred Scicluna**)

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Arikoli 17, 18, 28A, 28B, 28C u 28F, 49, 50, 261 (c), 267, 279 u 533 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 21(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' **disa' xhur (9) prigunerija** u dan stante li l-imputat huwa ricediv u li kiser liberta' kkondizzjonata[13] ghal reat li minn dakinnhar sallum kien depenalizzat[14] .

Rigward it-tielet (3), raba' (4), hames (5), sitt (6) u s-seba' (7) imputazzjonijiet il-Qorti se tipprovdi kif gej:

Rigward l-imputazzjoni erbgha (4) u hamsa (5)[15] l-Qorti tordna li s-sentenza fuq citata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-23 ta' Settembru 2010 fejn l-imputat gie ikkundannat tliet (3) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ssir operattiva u t-**tliet (3) xhur prigunerija** jigu in effett immedjatament.

Rigward is-seba' (7) imputazzjoni l-Qorti tordna li s-sentenza fuq citata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-11 ta' Frar 2009 fejn l-imputat gie ikkundannat disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal tlett snin ssir operattiva u d-**disa' (9) xhur prigunerija** jigu in effett immedjatament.

Ghalhekk bil-piena moghtija ghar-reat li nstab hati ghalih illum u z-zewg sentenzi sospizi li dahlu b'effett il-hati rrid jaghmel b'kollox **wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija**.

Rigward l-imputazzjoni sitta (6) stante li l-imputat kiser ordni ta' Probation, kif jipprovdi Artikolu 21(2) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghed ikun ikkundannat mitejn Ewro (€200) ammenda.

[13] Moghtija fid-19 ta' Frar 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta)
[14] Att 1/2015 Kap 535 l-**Att dwar Dipendenza fuq id-Droga**
[15] Fil-process hemm esebita' biss sentenza wahda li nghatat f'dik id-data (DOK RV 13 *a fol.* 88)

Inoltre wara li rat Artikolu 24 tal-Kap 446 tordna lill-imputat sabiex fi zmien sitt xhur minn meta jiskonta s-sentenza ta' prigunerija jhallas is-somma ta' mija u hamsin Ewro (€150) lil David Borg, bilanc li ghad ghandu jaghti mis-somma misruqa.

Stante illi ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

______________________________

**Ft./Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Vera Kopja**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**